IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Diċembru 2010 u l-14 ta' Frar 2011

li temenda il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew

(2011/C 49/02)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223(2) tiegħu,

wara li kkunsidra l-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 23 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew ([2]) ("il-Miżuri ta' Implimentazzjoni") il-Bureau huwa meħtieġ, fejn hu xieraq, li jindiċizza l-ammont annwali tal-'allowance' għall-għajnuna parlamentari fuq il-bażi tal-indiċi komuni stabbilit mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej bi qbil mad-dipartimenti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri b'applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, stipulat fir-Regolament (KEE, Euratom, ECSC) Nru 259/68 ([3]). Dan l-irbit mal-indiċi għandu japplika b'effett retroattiv mix-xahar ta' Lulju tas-sena kkonċernata mill-indiċi. Din il-proċedura hija mfassla biex tiżgura li l-allowance tal-għajnuna parlamentari jibqa' aġġornat mat-tibdil fis-salarji tal-assistenti akkreditati. Bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1190/2010 ([4]), il-Kunsill emenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1296/2009 ([5]), billi qies is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-40/10 ([6]), u aġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2009 r-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi aġġustat l-allowance tal-għajnuna parlamentari kif suppost, sa mill-14 ta' Lulju 2009. Bħala konsegwenza ta' dik il-bidla, l-ammont miżjud tal-allowance tal-għajnuna parlamentari li kien hemm qbil dwaru fil-Baġit Emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ([7]) għandu jkun aġġustat ukoll, u ċ-ċifri l-ġodda għandhom japplikaw mill-istess data taż-żieda oriġinali, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2010. Bir-Regolament (UE) Nru 1239/2010 ([8]), il-Kunsill aġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi aġġustat l-allowance tal-għajnuna parlamentari kif suppost, sa mill-1 ta' Lulju 2010.

(2) Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni jipprevedu wkoll li l-Bureau jista' jindiċizza l-allowances tal-ivvjaġġar tal-Membri, l-allowance tal-ispejjeż ġenerali u l-allowance ta' sussistenza, sa żieda massima ugwali għar-rata ta' inflazzjoni annwali fl-Unjoni Ewropea f'Ottubru tas-sena

([1]) Id-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1).

([2]) Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU C 159, 13.7.2009, p. 1).

([3]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

([4]) OJ L 333, 17.12.2010, p. 1.

([5]) Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat- 23 ta' Diċembru 2009 li jaġġusta b'effett mill- 1 ta' Lulju 2009 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom (ĠU L 348, 29.12.2009, p. 10).

([6]) Is-Sentenza tal-24 ta' Novembru 2010 fil-Każ C-40/10 *Il-Kummissjoni vs il-Kunsill* (għadha mhux ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea).

([7]) ĠU L 183, 16.7.2010, p. 1.

([8]) ĠU L 338, 22.12.2010, p. 1.

ta' qabel, kif ippublikat mill-Eurostat. Ir-rata ta' inflazzjoni bejn l-1 ta' Novembru 2009 u l-31 ta' Ottubru 2010, kif ġie nnotifikat mill-Eurostat fis-16 ta' Novembru 2010, kien ta' 2,3 %. Iċ-ċifri l-ġodda għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandhom jiġu emendati kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 15, il-punt (c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fil-każ ta' vjaġġar bil-karozza: EUR 0,50/km, kif ukoll il-prezz ta' kwalunkwe qsim bil-vapur, jew trasport simili, li jkun meħtieġ.";

(2) Fl-Artikolu 20(1), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għall-parti tal-vjaġġ bejn 0 u 50 km: EUR 22,51;";

(3) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) Paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont massimu annwali li jista' jiġi rimborżat f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jsiru fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1)(b) għandu jkun EUR 4 243.";

(b) L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ammont massimu annwali li jista' jiġi rimborżat għal spejjeż tal-ivvjaġġar li jkunu effettivament iġġarrbu mill-presidenti ta' kumitati jew ta' sottokumitati li jivvjaġġaw sabiex jattendu konferenzi jew avvenimenti li jittrattaw kwistjoni ta' interess Ewropew fl-ambitu tar-responsabilità tal-kumitat jew is-sottokumitat tagħhom u li jkollhom dimensjoni parlamentari, għandu jkun EUR 4 243. Parteċipazzjoni bħal din għandha teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-President tal-Parlament, wara li ssir verifika li jkunu disponibbli l-approprjazzjonijiet sal-ammont massimu indikat hawn fuq.";

(4) Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Jekk l-attività uffiċjali ssir fit-territorju tal-Komunità, il-Membru għandu jirċievi għotja ta' flus ta' darba ta' EUR 304.";

(5) Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont tal-allowance ta' kull xahar skont l-Artikolu 25 huwa ta' EUR 4 299.";

(6) Fl-Artikolu 33, il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-ammont massimu kull xahar ta' spejjeż li jistgħu jitħallsu għall-membri tal-istaff imsemmija fl-Artikolu 34 huwa ffissat għal EUR 18 189. B'effett mill-1 ta' Mejju 2010, dak l-ammont għandu jkun EUR 19 689. B'effett mill-1 ta' Lulju 2010, dak l-ammont għandu jkun EUR 19 709.";

Artikolu 2

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. l-Artikolu 1, punti 1 sa 5, għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011.

3. l-Artikolu 1, punt 6, għandu japplika mill-14 ta' Lulju 2009.